

Diċembru 2019 — Ħarġa 329

# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

# X'għamel Alla qabel ma ħalaq id-dinja?

Forsi ġieli staqsejna din il-mistoqsija. Għalkemm hi mistoqsija diffiċli, għandha tweġiba. Qabel ma ħalaq id-dinja, Alla ħabb, għax "Alla hu mħabba". Quddiem dan il-misteru ta' Alla, nindunaw kemm aħna l-bnedmin ċkejkna wisq u qatt ma nistgħu nifhmu l-kobor infinit Tiegħu. Biex jgħinna nifhmu ftit, Alla tana lil Ibnu Ġesù biex jurina sa fejn twassal l-imħabba tiegħu għalina. U sabiex ikun hemm kontinwità ta' mħabbtu, Alla tana wkoll l-Ispirtu s-Santu li bih irid juri li hu preżenti llum u qiegħed magħna.

Fil-bidu ta' dan ix-xahar tibda sena liturġika ġdida għall-Knisja, jew aħjar, mixja ġdida ta' fidi tal-poplu ta' Alla. Bħal dejjem nibdew bl-Avvent. Hu żmien fejn irridu nħallu lil Alla jkun il-mistieden mistenni minna u nilqgħuh f'qalbna. Ejja ma nirreżistux lill-Mulej milli jqallbilna l-pjanijiet tagħna ta' taħt fuq biex nimxu skont ix-xewqa tiegħu.

Alla ħabb lid-dinja u għadu jħobbha. Fil-festi tal-Milied, ninkuraġġikom sabiex tarmaw ix-xbieha ta' Ġesù Bambin fid-djar, fil-postijiet tax-xogħol u fl-iskejjel tagħna. B'dawn ix-xbihat ngħinu lilna nfusna nifhmu l-bżonn li Alla għandu biex iħobbna. Hekk inkunu nħarsu lejn l-imħabba ta' Alla bħal dik tal-omm naturali tagħna li mhux biss tħobbna imma għandha bżonn tħobbna u tibqa' tħobbna jinqala' x'jinqala' fil-ħajja.

L-aħwa, iż-żmien tal-Milied huwa stedina għal-laqgħa tagħna ma' Ġesù, l-aktar permezz tas-Sagramenti tal-Ewkaristija u tal-Qrar. Ejjew nitolbu għal xulxin matul dan iż-żmien sabiħ tas-sena sabiex ikollna l-kuraġġ nersqu lejn l-imħabba ta' Alla.

Flimkien bħar-rgħajja li marru jaraw lit-tarbija Ġesù, nhar it-Tlieta 24 ta' Diċembru fil-11.00pm nistedinkom sabiex ningħaqdu flimkien fil-Knisja Parrokkjali għall-Velja u f'12.00am il-Quddiesa tal-Milied. Narawk!

Il-Milied it-Tajjeb!

Il-Mulej iberikna
Dun Roderick Camilleri

Il-Kappillan u s-Saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kummissjonijiet u l-gruppi jixtiequ jawguraw

**il-Milied it-Tajjeb**

lill-Iskalin kollha u jawguraw li l-kuntentizza tal-Mulej Ġesù tgħix fil-qlub tal-familji kollha tagħna.



# “Ħabib, irrid inservik!”



Jean-Claude Schembri, Seminarista





Ġieli nisimgħu stejjer ta’ persuni li poġġew ħajjithom fil-periklu biex isalvaw dak li hu sagru. Jiġi f’moħħi s-saċerdot Franċiż li daħal fil-Katidral ta’ Notre Dame biex isalva l-ostji kkonsagrati milli jinħarqu fin-nar li ħakem l-istess Katidral f’April li għadda. Jekk tisma’ ftit x’ġiegħelu jagħmel att bħal dan tinduna li jemmen b’fidi sħiħa li l-Ostja Mqaddsa hija persuna: Ġesù Kristu. Tant kemm jemmen dan li ma riedx jara l-preżenza reali tiegħu tinqered fin-nirien.

Jiena u nirċievi l-Ministeru tal-Akkolitat minn Mons. Arċisqof ġejt aktar konxju tad-dmirijiet ġodda tiegħi, u li fosthom hemm li nagħraf inħobb iżjed lill-Knisja kollha, speċjalment lid-dgħajfin. Bħalma Ġesù sejjaħ lid-dixxipli “ħbieb” u mhux biss “qaddejja”, hekk ukoll qed isejjaħ lili u lil sħabi biex nibnu relazzjoni soda miegħu, sabiex kull darba li jsejħilna biex naqduh inkunu kapaċi nwieġbu, “Ħabib, irrid inservik!”









*Ninxteħtu fl-art bil-qima, nadurawk Mulej Ġesù Kristu li sirt bniedem bħalna.*

## Għalfejn il-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl?

Għal ħafna minna l-Milied sar ifisser ġenn, ġiri sfrenat u but vojt. Mingħajr ma trid issib ruħek tinġarr 'l hawn u 'l hemm bla ma taf minn fejn bdejt jew fejn sejjer. F'dan l-isfond, il-Knisja toffrilna ritmu, fejn kollox jitqiegħed f'postu u jsir fil-ħin tiegħu. F'dinja fejn sirna niġu bbumbardjati b'reklami tal-Milied mill-mument li jispiċċa s-sajf, il-Knisja tgħallimna nkunu ftit paċenzjużi u nistennew sal-25 ta' Diċembru. Tkun hi li tiftaħ din il-festa bil-Quddies, hekk kif idoqq nofs il-lejl!

U m'hemmx mod isbaħ kif tibda l-Milied. Hija Quddiesa imlibbsa bil-ferħ u mnissla fil-paradoss; il-paradoss fejn Dak li ma jesgħu mkien issa tesgħu maxtura; il-paradoss fejn fl-istess lejl li fih intennu "O lejl ta' skiet", niksru l-istess skiet meta kulħadd ikanta bi tħanġira: "Glo-o-o-o-o-o-ria in excelsis Deo!"; u l-paradoss li jseħħ fil-Priedka tal-Milied, fejn din id-darba huma ż-żgħar li jgħallmu lill-kbar. Din hi farka mis-sabiħ tal-Quddies ta' nofs il-lejl; u dak li hu sabiħ ħadd ma jixtieq jitilfu!

**11:00pm Velja tal-Milied**
**12:00am Quddiesa tal-Milied**
Niltaqgħu.




## Xi jfisser għalina l-Milied?



Il-Milied 2019 ħa jkun differenti ħafna għalina bħala koppja miżżewġa. Qed ngħidu hekk għax għadna kif esperjenzajna l-miraklu tal-ħajja permezz tat-twelid ta' bintna Ana. Minkejja t-tibdil fil-familja li tarbija ġġib magħha, l-imħabba u l-ferħ huma diffiċli li wieħed jispjegahom. Għalhekk permezz ta' din l-esperjenza li aħna qegħdin ngħixu, il-Milied ser jgħinna nifhmu aktar il-miġja tat-tnissil ta' Sidna Ġesu Kristu u kif ser ikun marbut mal-għaqda u l-paċi fil-familja.

Duncan u Elaine Vella Seychell

## DIMOSTRAZZJONI TA' ĠESÙ BAMBIN

### NHAR IT-TLIETA 24 TA' DIĊEMBRU

Din is-sena d-Dimostrazzjoni bil-Bambin se ssir fiz-zona taż-Żonqor.

Din tibda fis-5:45pm mill-MUSEUM.

Il-Purċissjoni se tgħaddi minn:
Triq La Sengle, Triq il-Bużbież,
Triq San Ġwakkin, Triq iż-Żonqor,
Triq il-Bajja, Triq Santa Marija,
Triq iż-Żonqor, Triq l-Għaġuża,
Triq San Ġużepp, Triq il-Bajja.

Fis-7:00pm nidħlu l-Knisja Parrokkjali fejn ikollna programm ta' kant u poeżiji



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Diċembru 2019

| | | |
|---|---|---|
| 1 | **Il-Ħadd** | **L-1 Ħadd tal-Avvent.** |
| | | Fid-9:15am quddiesa u tberik tal-Girlanda tal-Avvent għall-familjari u t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina. **Fl-10:15am Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha.** |
| 3 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Gross (minn Triq Ħabberxa sa Triq Ġużè Pesci), Triq Ġużè Pesci.** |
| 5 | Il-Ħamis | Fid-9:30am quddiesa fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabat u adorazzjoni animata mill-parroċċa tagħna. Nkunu lura Wied il-Għajn fil-11:30am. |
| | | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq Ġużeppi Spagnol u Triq il-Qrempuċ.** |
| 5 sa 8 | | Bazaar tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied fis-Sala Sant'Anna. |
| 6 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Fis-6:00pm quddiesa u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **8** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tal-Avvent.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **9** | **It-Tnejn** | **It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija** – Solennità trasferita. |
| 10 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Gross (minn Triq Ġuże Pesci sa *New Street in* Triq il-Gross), Triq ir-Rummien, Triq il-Qastan, *New Street in* Triq il-Gross.** |
| 12 | Il-Ħamis | Fid-9:30am Coffee Morning fis-Sala Sant'Anna. |
| 13 | Il-Ġimgħa | Fis-7:30am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Ħarġa għall-Għawdex u nżuru l-Presepju ta' Għajnsielem. Nirkbu l-vapur għal Malta tas-6:00pm. |
| **15** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tal-Avvent. Tibda n-Novena tal-Bambin.** |
| | | Fid-9.15am Quddiesa u Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal sal-11.30am. |
| | | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn u mill-Gruppi tal-Armar u tan-Nar. |
| 16 | It-Tnejn | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mis-Soċjetà tal-Museum. |
| 17 | It-Tlieta | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata miċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar u ta' Sala Sant'Anna. |
| | | **Bejn is-7:00pm u d-9:00pm Ċelebrazzjoni tal-Avvent** fil-Knisja Parrokkjali: lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar. |
| 18 | L-Erbgħa | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Djakonija. |
| 19 | Il-Ħamis | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Liturġija. |
| 20 | Il-Ġimgħa | Fil-5:30pm Party għat-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar fis-Sala Sant'Anna. |
| | | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Fratelli tal-Parroċċa. |
| 21 | Is-Sibt | Fis-6:30pm quddiesa tan-novena animata mill-Kummissjoni Familja. |
| 22 | Il-Ħadd | Ir-4 Ħadd tal-Avvent. Fil-Quddiesa tad-9:15am ser ikun hemm it-tberik tal-Bambini u l-Presepji. |
| | | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill- mill-Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni. |
| 23 | It-Tnejn | Fis-6:00pm quddiesa tan-novena animata mill-Grupp Santa Marta u mill-Voluntiera tal-Parroċċa. |
| 24 | It-Tlieta | **Lejliet il-Milied.** |
| | | **Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u fit-8:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-Purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja. Fl-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied.** |
| **25** | **L-Erbgħa** | **It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am, fil-11:30am u fis-6:00pm. Fil-11:00am ikun hemm quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju.** |
| 27 | **Il-Ġimgħa** | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| | | **Fit-8:30pm Youths Got Talent 19 –** Serata ta' talent miż-żgħażagħ fis-Sala Sant'Anna. Biljett mal-bieb. |
| 29 | Il-Ħadd | **Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.** |
| 30 | It-Tnejn | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| 31 | It-Tlieta | **Kwaranturi.** Ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Parrokkjali mit-8:15am sa 12:00pm u mill-4:00pm sas-6:00pm. |
| | | Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:00pm u fis-7:30pm, li fiha jitkanta t-*Te Deum*. |
| | | Fid-9:00pm inkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **1** | **Jannar** | **Is-Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi.** Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 8:00am, 9:15am u fil-11:30am u fis-6:00pm. Fil-11:00am ikun hemm quddiesa bl-Ingliż fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju. |

**— Is-Sena t-Tajba lil kulħadd. —**